KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tat-38 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju, 2015 u li bdiet fil-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| **Uffiċċjali:** | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatur taż-żgħażagħ:** | Is-Sur Eric Gauci |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 37 – 8, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Fil-5.05 p.m il-laqgħa ġiet sospiża peress li fil-kamra tal-laqghat daħal l-Inġinier Mario Galea minn Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. u s-Sindku ssospenda l-laqgħa. Il-laqgħa tkompliet dritt wara li l-Kunsill iddiskuta kont pendenti mall-Inġinier Galea li wara li ta spegazzjoni tiegħu ħareġ mill-kamra.*

Dwar il-kont pendenti fuq xogħolijiet li kienu saru minn Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. ta' konsolenza tal-mechanical and engineering service tal-Ġnien tal-Bidwi, l-Inġinier Galea spjega l-kont fid-dettal lill-Kunsill. Il-Kunsill talab lill-Inġinier biex jekk hu possibli jirrevedi dan il-kont u l-Inġinier aċċetta. Il-Kunsill talab ukoll lill-Inġinier Galea biex dan il-kont jinqasam fi 3 part payments u l-Inginier aċċetta ukoll.

## 2. Evalwazzjoni tal-Offerti

- **Tender SNT 03/2015 Bulky Refuse Collection in Ta' Sannat using low-emission waste collection trucks in an environmental friendly manner.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din l-offerta inxtrat minn tlett kuntratturi u li kienet tagħlaq nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2015 f'nofsinhar. Dawn l-offerti ġew miftuħa dak inhar stess fil-ħin tal-egħluq fejn preżenti kienu s-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Said u s-Segretarju Eżekuttiv.

Dawn huma:

| *Kuntrattur* | *għal prezz ta' kull household* |
|---|---|
| Joseph Attard | €9.89 |
| Nicholas Zammit | €7.95 |
| White Horse Recycling Ltd. | €5.90 |

Il-Kunsill għażel l-orħos offerta, dik ta' White Horse Recycling Ltd. għal prezz ta' €5.90 għal dan is-servizz.

- **Tender SNT 04/2015 Resurfacing with Concrete of part of Triq Mġarr ix-Xini, Ta' Sannat with low life cycle environmental impact.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din l-offerta nxtrat minn ħames kuntratturi u li għalqet nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2015 f'nofsinhar. Dawn l-offerti ġew miftuħa dakinhar stess waqt il-ħin tal-egħluq fejn preżenti kienu s-Sindku, l-Kunsillier Bajada u s-Segretarju Eżekuttiv.

Dawn huma:

| *Kuntrattur* | *Ammont* |
|---|---|
| Gatt Tarmac Ltd. | € 25887.50 |
| Vella Bros Ready Mix Ltd. | € 20553.48 |
| Joe Cauchi | € 39401.45 |
| Peter Paul Said | € 20105.05 |
| GV Gozo Developmet Co Ltd. | € 29454.00 |

Is-Sindku flimkien mall-Kunsill talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddi kopja ta' dawn id-dokumenti u l-prezzijiet lill-Perit tal-Kunsill għal evalwazzjoni tagħhom.

- **Tender SNT 05/2015 (M313 2nd call) Provision and installation of lamp-posts with lanterns for Pjazzetta tax-Xelina Ta' Sannat**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din l-offerta nxtrat minn żewġ kuntratturi u li għalqet nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2015, fil-11.00 a.m. Dawn l-offerti ġew miftuħa dakinhar stess waqt il-ħin tal-egħluq fejn preżenti kienu s-Sindku, l-Kunsilliera Said u s-Segretarju Eżekuttiv.

Dawn huma:

| **Kuntrattur** | **Ammont** |
|---|---|
| Dimech Ent Ltd. | € 8948.00 |
| Richard Cauchi (b'żewġ options) | € 8500.00 (Option A) |
| | € 11196.00 (Option B) |

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dakinhar stess fis-2.00 p.m., il-Bord tal-evalwazzjoni ta' din l-offerta li kien kompost minn Dr Larry Formosa, il-Perit Brian Curmi, il-Perit Gordon Vella, Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' w evalwa din l-offerta fejn ta rapport tal-aġġudikazzjoni ta' dawn l-offerti. Il-Bord qal li għalkemm iż-żewġ offerenti taw l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom skond kif kien mitlub fl-offerta, il-Kunsill għandu jikkonsidra l-irħas offerta dik ta' Richard Cauchi (Option A) għal prezz ta' €8500.00c. Il-Kunsill ra l-offerta u d-disinn tal-fanali u qabel mall-għażla tal-bord li din l-offerta għandha tingħata lill-Kuntrattur Richard Cauchi.

Il-Kunsillier Bajada staqsa dwar il-Proġett ta' M 313 (2nd call) jekk il-bankini ta' madwar il-Pjazzetta tax-Xelina humiex ser ikunu lesti sal-festa dan għaliex qed isiru diversi lmenti mir-residenti miegħu u anke mall-Kunsillieri l-oħra dwar dan. Is-Sindku ta' spjegazzjoni għaliex lill-Kuntrattur kien għadu ma wasallux il-materjal tal-bankini. Is-Sindku qal ukoll li hu qed jagħmel presjoni mall-Kuntrattur sabiex il-Pjazzetta tax-Xelina tkun lesta sal-festa minn naħa ta' dan il-Kuntrattur.

### 3. Materja oħra

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għal kwotazzjoni tal-Arma tal-irħam fin-nofs tal-art ta' Pjazzetta tax-Xelina, li għalqet il-bieraħ it-Tnejn 13 ta' Lulju 2015, f'nofsinhar il-Kunsill ma rċieva l-ebda kwotazzjoni. Għalhekk il-Kunsill irid jerġa joħroġ dan l-Avviż għal din il-kwotazzjoni u l-offerti għandhom jingabru sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015. Il-Kunsill qabel ma dan.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li l-Pjazzetta tax-Xelina issa nfetħet mill-ġdid għal użu tagħha is-Segretarju Eżekuttiv ordna t-tabelli u sinjali tat-traffiku. Hu ordna 4 tabelli (Give Way), 4 Tabelli (Roundabout) u 3 tabelli (No heavy vehicle) fuq 7 poles skond kif kien mitlub fuq il-pjanta u approvat minn Transport Malta. Għandha tintalab l-għajnuna tat-Taqsima taż-żebgħa tat-toroq fi ħdan id-Dipartiment għal Proġetti u Żvillup – MGOZ biex jinżebgħu s-sinjali tal-Give Way madwar ir-roundabout f'din il-pjazzetta.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt il-ġdid tal-ġbir tal-iskart domestiku mall-kumpanija K.I.P. Għawdex Ltd. bejn it-tlett Kunsilli (Ta' Sannat, Ix-Xagħra u x-Xewkija) beda minn nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju 2015.

4. Il-Kunsill ddiskuta li nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2015 fid-9.30 a.m. kienet saret laqgħa apposta mas-Sur Kenneth de Martino, bl-Avukat tal-Kunsill flimkien mall-Kunsill biex il-problema tal-pajp fi Triq il-Kbira li jgħati għal ġibjun tiġi solvuta. Membri tal-Kunsill anke marru fuq il-post biex jiġi spegat dan. Il-Kunsill ħa deċizjoni li din il-pajp ser tinsad mill-Kunsill u li s-Sur de Martino għandu jiġi nfurmat bl-Avukat tal-Kunsill dwar dan.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għall-offerta għas-servizz ta' Accountant saru l-avviżi neċessarji u din ser tagħlaq nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015 f'nofsinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li hu mportanti li f'dak il-ħin tal-egħluq ikun hawn il-preżenza tal-Kunsillieri.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Assistent Direttur mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bgħat imejl bil-proċedura ta' self mill-bank dwar l-imejl li s-Sindku kien bgħat fuq l-istat ħazin ta Triq Gerxija, bl-istima tal-Perit u xi ritratti tat-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni dwar l-istat finanzjarju tal-Kunsill.

7. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill dwar ic-CCTV cameras fl-entraturi tar-raħal, hu ġie nfurmat li hemm Skyline Web bħal dik li tinsab fil-Pjazza tal-Għarb u f'lokalitajiet oħra f'Malta. Hu nforma lill-Kunsill li jrid jara jekk dawn jistgħux jiġu rrekordjati għal ċertu tul ta' ħin.

8. Il-Kunsillieri preżenti ġibdu l-attenzjoni li xi residenti barranin li jkunu għal btala f'farmhouses u f'appartamenti mikrija qed joħrġu l-iskart barra mill-ħinijiet tal-ġbir u dan mhux aċċettabli b'detriment li dawn l-boroż tal-iskart jispiċċaw mqatta fit-triq mill-klieb u l-qtates. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob il-lista mingħand il-Gozo Buisness Chamber sabiex il-Kunsill jara kemm hawn sidien tal-farmhouses u appartamenti reġistrati fil-lokalita' u dawn jiġu nfurmati dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill qabel ukoll li fil-lokalita' għandhom jiġu l-Green Wardens u l-Local Wardens biex dawn l-abbużi ma jsirux u biex jiġu kkontrollati.

9. Is-Sindku talab li jitwaħħlu żewġ dog litter bins ġodda. Wieħed fi Triq Paranji u l-ieħor fi Triq Dun Luqa. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

Memo 15/2015 dwar Aġġornamenti tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali
Memo 16/2015 dwar Migrazzjoni għall-akkwist elettroniku

## 4. Ilmenti u Suggerimenti

1. Is-Sur Alan Buttigieg B.Pharm qed jilmenta bl-istat ħazin tat-Toroq ta' Triq Marsilja, Triq Ta' Cenc u Triq tal-Gruwa u qed jitlob li ssir xi ħaġa urgenti dwar dan. Il-Kunsill qal li ilu jitlob żmien twil dwar kif tħallew dawn it-toroq mill-WSC u l-Ministeru għal Għawdex.

2. Is-Sur Sam Theuma li joqgħod 5, Triq Ta' Cenc qed jerġa jitlob li ssir bankina ma l-istess residenza peres li għada ma saritx. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li din il-bankina hi responsabilta' tal-Ministeru għal Għawdex u li din it-talba kienet saret f'Jannar ta' din is-sena permezz tas-sistema tal-Customer Care. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvillup (MGOZ) dwar dan l-ilment.

3. Is-Sur Joseph Buttigieg li joqgħod 1 Triq Ras in-Newwiela qed jitlob li ssir bankina quddiem garage fi Triq it-Tilliera. Il-Kunsill qabel ma din it-talba li l-bankina ssir.

### 5. Ħlas ta' Kontijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 17 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

### 6. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fis-6.25 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser isir nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015, fis-1.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella** | **Jason Curmi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |